REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/810

tal-20 ta' Mejju 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2021/808 rigward id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għal ċerti sustanzi elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2002/657/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 34(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2021/808 ([2]) iħassar, fost l-oħrajn, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE ([3]). L-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni flimkien mal-Anness II tagħha, jistipulaw il-limiti minimi għall-prestazzjoni meħtieġa għas-sustanzi farmakoloġikament attivi l-kloramfenikol, il-metaboliti tan-nitrofuran, l-aċetat tal-medrossiproġesteron u l-aħdar malakit f'ċerti matriċi.

(2) L-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1871 ([4]) jistipula d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-punti ta' referenza għall-azzjoni għas-sustanzi farmakoloġikament attivi pprojbiti. Jenħtieġ li l-limiti tal-prestazzjoni minima meħtieġa għall-kloramfenikol, għall-metaboliti tan-nitrofuran u għas-somma tal-aħdar malakit u l-aħdar lewkomalakit li jinsabu fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2002/657/KE jintużaw bħala punti ta' referenza għall-azzjoni għall-ikel li joriġina mill-annimali li jiġi importat minn pajjiżi terzi, u għall-ikel li joriġina mill-annimali prodott fl-Unjoni sas-27 ta' Novembru 2022.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li, għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/1871, l-Anness II tad-Deċiżjoni 2002/657/KE jibqa' japplika sas-27 ta' Novembru 2022.

(4) Biex tinżamm kontinwità, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data bħal dik tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2021/808.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2021/808 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7

Tħassir u miżuri tranżizzjonali

Id-Deċiżjonijiet 2002/657/KE u 98/179/KE jitħassru mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2021/808 tat-22 ta' Marzu 2021 dwar il-prestazzjoni ta' metodi analitiċi għal residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi użati f'annimali li jipproduċu l-ikel u dwar l-interpretazzjoni tar-riżultati kif ukoll dwar il-metodi li jridu jintużaw għat-teħid tal-kampjuni u li jħassar id-Deċiżjonijiet 2002/657/KE u 98/179/KE (ara paġna 84 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE tat-14 ta' Awwissu 2002 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE rigward il-ħidma ta' metodi analitiċi u l-interpretazzjoni tar-riżultati (ĠU L 221, 17.8.2002, p. 8).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1871 tas-7 ta' Novembru 2019 dwar il-punti ta' referenza għall-azzjoni b'rabta ma' sustanzi farmakoloġikament attivi li mhumiex permessi li jinsabu f'ikel li joriġina mill-annimali, u li jħassar id-Deċiżjoni 2005/34/KE (ĠU L 289, 8.11.2019, p. 41).

Madankollu, sal-10 ta' Ġunju 2026, ir-rekwiżiti stipulati fil-punti 2 u 3 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2002/657/KE għandhom jibqgħu japplikaw għall-metodi, li ġew ivvalidati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Għall-finijiet imsemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/1871, l-Anness II tad-Deċiżjoni 2002/657/KE għandu jibqa' japplika sas-27 ta' Novembru 2022."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN